Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦA AH HOC**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**Il-Gimgħa, 5 t'Ottubru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

## Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa fejn qal lil preżenti li nhar it-Tlieta, 2 t'Ottubru, 2012 l-Isqof talab għal-laqgħa mas-Sindku fejn kien preżenti wkoll Dun Eddie Żammit. F'din il-laqgħa saret diskussjoni fuq il-punti li ma kinux qablu l-DFC. L-Isqof wera x-xewqa li din il-kwistjoni tal-Pjazza tinqata' darba għal-dejjem u jsir l-kuntratt tat-tisbiħ tal-Pjazza.

L-Isqof issugerixxa li tinhareg stqarrija bejn il-Kurja u l-Kunsill, fejn Dun Eddie pprova jħejji stqarrija dak il-ħin iżda ma nrexxilhomx jaqblu fuq il-kitba ta' din l-istqarrija tul il-laqgħa. L-għada, Dun Eddie iltaqa` mas-Sindku fejn għaddielu kopja tal-istqarrija kif qed jissuġerixxu li toħrog mil-Kurja.

Is-sindku qara lil-preżenti l-istqarrija li pprepara Dun Eddie Żammit. Il-preżenti qablu mal-istqarrija ħlief dawn il-punti:

- Larry issuġerixxa li flokk il-kelma 'Zuntier' tiġi tinqara "Pjazza (żona ta' quddiem iz-zuntier)". Dan biex l-istqarrija tkun ċara mar-residenti t'Għajnsielem. Il-preżenti qablu ma dan.

- Franco ikkummenta lli d-djalodu dejjem sar bejn il-Kunsill u il-Kurja, iżda l-proġett se jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Lokali Għajnsielem u mill-Ministeru għal-Għawdex. Huwa kompla jgħid illi mal-Bullettin għandha toħrog kopja ta' din l-

istqarrija. Franco issuġerixxa li titqassam il-pjanta tax-xogħlijiet mal-isqtarrija, jew teħel pjanta man-*Notice Board*.

Is-sindku fakkar illi din l-istqarrija jrid jgħaddiha lill-Ministru għal-Għawdex għaliex l-proġett se jkun iffinanzjat fil-maġġoranza mill-Ministeru. Is-sindku qal ukoll illi l-Isqof se jkun imsiefer minn nhar it-Tlieta, iżda huwa se jħalli lis-Sur Gużman biex ikun jista jsir l-kuntratt.

**Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.15pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv